Nru./No. 19,984
Prezz/Price
€3.24

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 27 ta' April, 2018
Friday, 27th April, 2018

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Proklama tal-President ta' Malta 3841
Proclamation by the President of Malta *3841*

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 3842 - 3847
Government Notices ..... *3842 - 3847*

Avviżi tal-Pulizija ..... 3847 - 3851
Police Notices ..... *3847 - 3851*

Avviż lill-Baħħara 3851
Notice to Mariners *3851*

Opportunitajiet ta' Impieg ..... 3851 - 3869
Employment Opportunities ..... *3851 - 3869*

Avviżi tal-Gvern ..... 3869 - 3886
Notices ..... *3869 - 3886*

Offerti ..... 3886 - 3900
Tenders ..... *3886 - 3900*

Avviżi tal-Qorti ..... 3900 - 3908
Court Notices ..... *3900 - 3908*

ANNO DOMINI 2018 NRU. VII

Proklama

MILL-AĠENT PRESIDENT TA' MALTA

(L.S.)

(Iff.) DOLORES CRISTINA
Aġent President

BILLI huwa pprovdut bl-artikolu 49 tal-Kostituzzjoni ta' Malta illi kull meta d-detentur tal-kariga ta' President tkun assenti minn Malta l-funzjonijiet mogħtija lilha bl-imsemmija Kostituzzjoni għandhom jiġu moqdija minn dik il-persuna li l-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mal-Kap tal-Oppożizzjoni, jista' jaħtar;

U BILLI l-President hija assenti minn Malta;

U BILLI fis-27 ta' April, 2018, il-Prim Ministru ħatarni Aġent President għal matul iż-żmien li fih il-President tkun assenti minn Malta;

U BILLI jiena ħadt u ffirmajt kif imiss il-ġurament tal-kariga kif preskritt bl-artikolu 50 tal-imsemmija Kostituzzjoni;

ISSA, GĦALHEKK, JIENA, DOLORES CRISTINA, qiegħda hawnhekk navża u nipproklama li assumejt illum skont l-imsemmija Kostituzzjoni l-funzjonijiet ta' President ta' Malta.

Magħmula fil-Palazz, Valletta, illum, is-27 ta' April, 2018.

B'Awtorità,

(Iff.) JOSEPH MUSCAT
Prim Ministru

ANNO DOMINI 2018 NO. VII

Proclamation

BY THE ACTING PRESIDENT OF MALTA

(L.S.)

(Sd) DOLORES CRISTINA
Acting President

WHEREAS it is provided by section 49 of the Constitution of Malta that whenever the holder of the office of President is absent from Malta the functions conferred upon her by the said Constitution shall be performed by such person as the Prime Minister, after consultation with the Leader of the Opposition, may appoint;

AND WHEREAS the President is absent from Malta;

AND WHEREAS on the 27th day of April, 2018, the Prime Minister appointed me Acting President for such time as the President is absent from Malta;

AND WHEREAS I have duly taken and subscribed the oath of office as prescribed by section 50 of the said Constitution;

NOW, THEREFORE, I, DOLORES CRISTINA, do hereby notify and proclaim that I have this day under the said Constitution assumed the functions of President of Malta.

Made at the Palace, Valletta, this 27th day of April, 2018.

By Authority,

(Sd) JOSEPH MUSCAT
Prime Minister

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 502

PUBBLIKAZZJONI TA' ATT FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali li l-Att li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Att Nru. XII tal-2018 imsejjaħ l-Att tal-2018 dwar il-Protezzjoni Konsulari lil Ċittadini Mhux Rappreżentati.

Is-27 ta' April, 2018

Nru. 503

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZ TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozz ta' Liġi li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru. 40 imsejjaħ Att tal-2018 dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*.

Is-27 ta' April, 2018

Nru. 504

ĦATRA TAL-BORD NAZZJONALI DWAR L-AKKREDIMENT MALTA

NGĦARRFU illi l-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Loakli ħatar il-memberi li ġejjin biex ikunu fuq il-Bord Nazzjonali dwar l-Akkrediment Malta.

Chairperson
Inġ. Reuben Curmi

Membri
Inġ. Noel Micallef
Inġ. Charles Brincat
Sur Edward Xuereb
Sur Noel Demicoli
Perit Vincent Magri
Sa Gertrude Gatt Lanzon

Secretary
Inġ. Claudio Boffa

Dawn il-ħatriet huma validi għal tliet snin b'seħħ mis-16 ta'April, 2018.

Is-27 ta' April, 2018

GOVERNMENT NOTICES

No. 502

PUBLICATION OF ACT IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Act is published in the Supplement to this Gazette:

Act No. XII of 2018 entitled the Consular Protection (Unrepresented Citizens) Act, 2018.

27th April, 2018

No. 503

PUBLICATION OF BILL IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bill is published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 40 entitled the Data Protection Act, 2018.

27th April, 2018

No. 504

APPOINTMENT OF MEMBERS OF THE NATIONAL ACCREDITATION BOARD MALTA

IT is notified that the Minister for Justice, Culture and Local Government has approved the following members to form part of the National Accreditation Board Malta.

Chairperson
Eng. Reuben Curmi

Members
Eng. Noel Micallef
Eng. Charles Brincat
Mr Edward Xuereb
Mr Noel Demicoli
Arch. Vincent Magri
Ms Gertrude Gatt Lanzon

Secretary
Eng. Claudio Boffa

These appointments are valid for a period of three years with effect from 16th April, 2018.

27th April, 2018

Nru. 505

ATT DWAR L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (KAP. 552)

Kumitat tal-Utenti tal-Awtorità tal-Ippjanar

BIS-SAĦĦA tal-Artikolu 61 (1) tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, is-Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u Simplifikazzjoni Amministrattiva approvat il-ħatra tal-persuni li ġejjin biex iservu fuq il-Kumitat ta' Konsulenza dwar id-Disinn tal-Awtorità tal-Ippjanar b'seħħ mit-23 ta' April, 2018.

Chairperson
Il-Maġistrat Denis Montebello

Membri
Is-Sa Marie Barbara
Il-Perit Martin Debono
Il-Perit Tara Cassar
Is-Sur Mario Fava
Is-Sur Philip Fenech
Il-Perit Kevin Fsadni
Is-Sur Malcolm Mallia
Il-Perit Simone Vella Lenicker
Is-Sur David Xuereb

Segretarju
Is-Sur Joseph Borg

Is-27 ta' April, 2018

No. 505

DEVELOPMENT PLANNING ACT (CAP. 552)

Users' Committee of the Planning Authority

IN terms of Articles 61(1) of the Development Planning Act, the Parliamentary Secretary for Planning and the Simplification of Administrative Processes has approved the appointment of the following persons to serve on the Users' Committee of the Planning Authority with effect from the 23rd April, 2018.

Chairperson
Magistrate Denis Montebello

Members
Ms Marie Barbara
Perit Martin Debono
Perit Tara Cassar
Mr Mario Fava
Mr Philip Fenech
Perit Kevin Fsadni
Mr Malcolm Mallia
Perit Simone Vella Lenicker
Mr David Xuereb

Secretary
Mr Joseph Borg

27th April, 2018

Nru. 506

BORD TAL-APPROVAZZJONI AĠENZIJA DWAR VISA U RESIDENZA F'MALTA

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd, illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 497 u skont Artiklu 8 tal-L.S. 497.26, is-Segretarju Parlamentari għar-Riformi, Ċittadinanza u Simplifikazzjoni, approvat il-ħatra tal-Bord tal-Approvazzjoni tal-Aġenzija, kif ġej:

Chairman
Dr Charmaine Cherrett

Membri
Il-Perit Roderick Spiteri
Is-Sur John Valenzia
Is-Sa Ruth Micallef

Dawn il-ħatriet jibqgħu fis-seħħ sat-28 ta' Awwissu, 2020.

Dan l-avviż iħassar dak ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern Numru 19,981 tal-20 ta'April, 2018.

Is-27 ta' April, 2018

No. 506

MALTA RESIDENCY VISA AGENCY APPROVALS BOARD

IT is hereby notified for general information that, in exercise of the powers conferred by the Public Administration Act, Cap. 497 and in terms of Article 8 of S.L. 497.26, the Parliamentary Secretary for Reforms, Citizenship and Simplification has approved the appointment of the Agency's Approvals Board, as follows:

Chairman
Dr Charmaine Cherrett

Members
Perit Roderick Spiteri
Mr John Valenzia
Ms Ruth Micallef

These appointments shall remain valid until 28th August, 2020.

This notice supersedes the one published in the Government Gazette number 19,981 of the 20th April, 2018.

27th April, 2018

Nru. 507

ISMIJIET TA' TOROQ F'MALTA

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bil-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 363.10, il-Prim Ministru ordna li t-toroq speċifikati fl-ewwel kolonna ta' din l-iskeda għandha tiġi msemmija mill-ġdid kif speċifikat fit-tieni kolonna tal-istess skeda msemmija.

No. 507


NAMING OF STREETS IN MALTA

IN exercise of the powers conferred by Subsidiary Legislation 363.10, the Prime Minister has directed that the streets specified in the first column of the subjoined schedule be renamed as specified in the second column of the schedule.

IL-BELT VALLETTA

Dik il-pjazza li tinsab quddiem id-Daħla tal-Belt Valletta fejn tinstab il-Funtana tat-Tritoni, indikata fuq il-mappa hawn riprodotta tissemma:


PJAZZA TRITONI



ĦAL LUQA

Parti minn Triq l-Ingiered, inti u dieħel lejn ir-Residenza San Vinċenz de Paule, indikata b'linja fuq il-mappa hawn riprodotta tissemma:


TRIQ
FLORENCE NIGHTINGALE
PIJUNIERA
FIL-KURA MODERNA TAL-PAZJENT
1820 – 1910



L-IMSIDA

Dik it-triq li tibda mir-*roundabout* li tinsab fi Triq Sir Anthony Mamo sad-daħla tal-isptar Mater Dei u r-*ring road*, indikata b'linja fuq il-mappa hawn riprodotta tissemma:

TRIQ
ID-DONATURI TAD-DEMM



Is-27 ta' April, 2018

Nru. 508

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (DWANA)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Finanzi approva l-ħatra temporanja li ġejja:

ISEM *NAME*	POŻIZZJONI *POSITION*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Is-Sur Ian Muscat	Direttur Ġenerali *Director General*	Dwana *Customs*	10.05.2018

27th April, 2018

No. 508

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (CUSTOMS)

THE Permanent Secretary in the Ministry for Finance has approved the following acting appointment:

Is-27 ta' April, 2018

Nru. 509

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (DWANA)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Finanzi approva l-ħatra temporanja li ġejja:

ISEM *NAME*	POŻIZZJONI *POSITION*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Is-Sur Alan Mamo	Direttur Ġenerali *Director General*	Dwana *Customs*	6-9.5.2018

27th April, 2018

No. 509

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (CUSTOMS)

THE Permanent Secretary in the Ministry for Finance has approved the following acting appointment:

Is-27 ta' April, 2018

Nru. 510

ORDNI MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA, KULTURA U GVERN LOKALI

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-Artikolu 113 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), il-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali għamel din l-Ordni li permezz tagħha l-Ordni ta' Adozzjoni datata is-17 ta' Jannar, 2018, mogħtija mill-Onorabbli Mħallef Sri Shailendra Kumar tal-Qorti tal-Familja ta' Darbhanga, f'Bihar, L-Indja, qiegħda tkun speċifikata bħala adozzjoni bejn pajjiż u ieħor tal-persuna hemmhekk imsemmija u dan a termini tal-Artikoli 113, 130 u 130A tal-Kodiċi Ċivili.

(Iff.) Owen Bonnici
Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali

Is-27 ta' April, 2018

No. 510

ORDER OF THE PARLIAMENT MINISTER FOR JUSTICE, CULTURE AND LOCAL GOVERNMENT

IN exercise of the powers conferred by Article 113 of the Civil Code (Cap. 16), the Minister for Justice, Culture and Local Government has made this Order whereby the Adoption Order dated 17th January, 2018, issued by the Honourable Judge Sri Shailendra Kumar of the Family Court of Darbhanga, in Bihar, India, is being specified as an intercountry adoption of the person therein mentioned for the purposes of Articles 113, 130 and 130A of the Civil Code.

(Sgd) Owen Bonnici
Minister for Justice, Culture and Local Government

27th April, 2018

Nru. 511

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U L-ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-Artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili, il-Qorti tar-Reviżjoni Nutarili nnominat lin-Nutar Dottor Loredana Micallef bħala Nutar delegat u konservatur tal-atti ta' Dottor John Debono u dan għall-perjodu bejn it-2 ta' Mejju, 2018 u d-9 ta' Mejju, 2018.

Illum, il-25 ta' April, 2018

JANET CALLEJA
Għar-Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

No. 511

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Article 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Loredana Micallef to be Notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr John Debono for the period between the 2nd May, 2018 and the 9th May, 2018.

Today, the 25th day of April, 2018.

JANET CALLEJA
For the Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Nru. 512

ATT XXI TAL-1991 DWAR L-ELEZZJONIJIET ĠENERALI (KAP. 354) U ATT XVI TAl-2003 DWAR L-ELEZZJONIJIET GĦALL-PARLAMENT EWROPEW (KAP. 467)

Reġistri Elettorali

SKONT id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 33 tal-Att tal-1991 dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali, kif emendat bl-Att XV tal-1996, qed jiġi ppubblikat ir-Reġistru Elettorali rivedut ma' din il-Gazzetta.

Qiegħed jiġi ppubblikat mal-istess Gazzetta, skont l-artikolu 13 tal-Att tal-2003 dwar l-Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew, ir-Reġistru Elettorali tal-Unjoni Ewropea.

Is-27 ta' April, 2018

No. 512

GENERAL ELECTIONS ACT XXI , 1991 (CAP. 354) AND ACT XVI OF 2003 FOR ELECTIONS TO THE EUROPEAN PARLIAMENT (CAP. 467)

Electoral Registers

IN accordance with the provisions of section 33 of the General Elections Act 1991, as amended by Act XV of 1996, a revised Electoral Register is published with this Gazette.

Also being published with this Gazette, according to section 13 of the European Parliament Elections Act, 2003, is the European Union Electoral Register.

27th April, 2018

Nru. 513

MALTA ENTERPRISE CORPORATION

Att dwar l-Intrapriża ta' Malta (Kap. 463)

NGĦARRFU illi l-Bord tad-Diretturi tal-Intrapriża ta' Malta, fil-laqgħa tiegħu tal-11 ta'April, 2018, għadda riżoluzzjoni sabiex jipprečiża illi permezz tar-riżoluzzjoni meħuda fil-laqgħa tat-23 ta'Awwissu, 2016, u sussegwentement ippublikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-23 ta Settembru, 2016, il-Bord awtorizza li r-rappreżentazzjoni tal-Korporazzjoni, minbarra li tkun vestita fiċ-*Chairman* u Deputat *Chairman* kif stipulat fl-Att dwar l-Intrapriża ta' Malta (Kap. 463), tkun vestita wkoll f'kull wieħed mill-uffiċjali tal-Korporazzjoni hawn taħt imsemmija b'dan li dawn l-uffiċjali jkunu jistgħu jeżerċitaw individwalment ir-rappreżentazzjoni hekk vestita:

Chief Executive Officer
Chief Operating Officer
Chief Officer Corporate Services

Din ir-riżoluzzjoni qiegħda tiġi ppubblikata skont l-Artiklu 15(1) tal-Att dwar l-Intrapriża ta' Malta (Kap. 463).

Is-27 ta' April, 2018

Nru. 513

MALTA ENTERPRISE CORPORATION

Malta Enterprise Act (Cap. 463)

IT is being notified that the Board of Directors of Malta Enterprise during the meeting of the 11th April, 2018, has resolved to clarify that by virtue of the resolution taken during the meeting of the 23rd August, 2016, as subsequently published in the Government Gazette of the 23rd September, 2016, the Board authorised that the representation of the Corporation, besides being vested in the Chairman and the Deputy Chairman as provided in the Malta Enterprise Act (Cap. 463), be also vested in each one of the officials of the Corporation listed below, such that each of the said officials may individually exercise the representation so vested:

Chief Executive Officer
Chief Operating Officer
Chief Officer Corporate Services

This resolution is being published in terms of Article 15(1) of the Malta Enterprise Act (Cap. 463).

27th April, 2018

Nru. 514

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

Data	Deheb Pur Gramma	Fidda Pura Gramma
Date	*Pure Gold* *Grams*	*Pure Silver* *Grams*
27.4.2018	€35.175	€0.465

Is-27 ta' April, 2018

No. 514

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

27th April, 2018

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 59

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 101/97 it-toroq li jidhru hawn taħt se jiġu kklassifikati bħala *tow zones*, hekk kif indikat.

POLICE NOTICE

No. 59

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97 the streets listed hereunder are to be classified as tow zones on the date and times indicated.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li l-passaġġ u t-twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Il-Belt Valletta

Nhar il-Ġimgħa, is-27 ta' April, 2018, sal-11.30 p.m., minn Triq San Duminku bejn Triq il-Mediterran u Triq il-Merkanti, Triq il-Merkanti bejn Triq San Duminku u Triq Nofsinhar, Triq Nofsinhar bejn Triq il-Merkanti u Triq ir-Repubblika, Triq ir-Repubblika bejn Triq Nofsinhar u Pjazza Assedju l-Kbir.

L-Imsida

Nhar it-Tlieta, l-1 ta' Mejju, 2018, mis-6.00 a.m. 'il quddiem minn Triq Mons. Falzon, Triq il-Knisja, Triq Mons. D'Andra, Triq Robert Naudi, Triq Bosio, Triq il-Magna tas-Serrar, Triq Johnnie Catania, Triq Robert Naudi – iż-żewġ naħat u l-parkeġġ u Triq Clarence quddiem id-dar tal-anzjani.

Nhar it-Tlieta, l-1 ta' Mejju, 2018, mill-10.30 a.m. sal-11.00 a.m. Triq ix-Xatt tal-Imsida, direzzjoni lejn Triq D'Argens, se jkunu magħluqa għat-traffiku.

Nhar it-Tlieta, l-1 ta' Mejju, 2018, mill-10.00 a.m. sal-10.30 a.m., Triq il-Kunċizzjoni mix-Xatt tal-Imsida, direzzjoni lejn Triq D'Argens, se jkunu magħluqa għat-traffiku.

Nhar it-Tlieta, l-1 ta' Mejju, 2018, mill-10.00 a.m. sal-10.30 a.m., Triq Mikiel Anton Vassalli, direzzjoni lejn l-Imsida mir-*roundabout* tal-*Iskate Park*, se tkun magħluqa għat-traffiku.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Is-27 ta' April, 2018

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 60

Bis-saħħa tal-Artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Marsaxlokk

Nhar il-Ġimgħa, is-27 ta' April, 2018, sas-2.00 a.m. tas-Sibt, 28 ta' April, 2018, minn Xatt is-Sajjieda, Triq Duncan,

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Valletta

On Friday, 27th April, 2018 till 11.30 p.m. through Triq San Duminku between Triq il-Mediterran and Triq il-Merkanti, Triq il-Merkanti between Triq San Duminku and Triq Nofsinhar, Triq Nofsinhar between Triq il-Merkanti and Triq ir-Repubblika u Triq ir-Repubblika between Triq Nofsinhar and Pjazza Assedju l-Kbir.

Msida

On Tuesday, 1st May, 2018, from 6.00 a.m. onwards through Triq Mons. Falzon, Triq il-Knisja, Triq Mons. D'Andra, Triq Robert Naudi, Triq Bosio, Triq il-Magna tas-Serrar, Triq Johnnie Catania, Triq Robert Naudi – both sides and the parking area and Triq Clarence in front of the elderly's home.

On Tuesday, 1st May, 2018, from 10.30 a.m. till 11.00 a.m. Triq ix-Xatt tal-Imsida, direction towards Triq D'Argens, will be closed for traffic.

On Tuesday, 1st May, 2018, from 10.00 a.m. till 10.30 a.m., Triq il-Kunċizzjoni from Msida Seafront, direction towards Triq D'Argens, will be closed for traffic.

On Tuesday, 1st May, 2018, from 10.00 a.m. till 10.30 a.m. Triq Mikiel Anton Vassalli direction towards Msida Skate Park roundabout will be closed for traffic.

Vehicles found in contravention to the order of this notice will be liable to be towed.

27th April, 2018

POLICE NOTICE

No. 60

In virtue of Article 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended up to the dates and times indicated.

Marsaxlokk

On Friday, 27th April, 2018, till 2.00 a.m. of Saturday, 28th April, 2018, through Xatt is-Sajjieda, Triq Duncan, Triq

Triq tas-Silġ, Triq il-Patrijiet Tereżjani, Żona tal-Lambordini u Triq Dellimara.

Ħal Għaxaq

Nhar il-Ħadd, id-29 ta' April, 2018, mid-9.00 a.m. 'il quddiem, minn Triq il-Gudja, Triq Santa Marija u Triq San Filippu.

L-Isla

Nhar il-Ħamis, it-3 ta' Mejju, 2018, mis-6.00 a.m. 'il quddiem, minn Triq il-Karmnu, Bormla (Żona tal-parkeġġ tal-eks Dockyard), Pjazza Mitrovich, l-Isla u Xatt Guann B. Azzopardo, l-Isla (Żona tal-parkeġġ tal-eks Maċina).

Iż-Żejtun

Nhar l-Erbgħa, it-2 ta' Mejju, 2018, minn nofsinhar, sat-Tnejn, is-7 ta' Mejju, 2018, minn Misraħ is-Suq.

Nhar il-Ġimgħa, l-4 ta' Mejju, 2018, mis-7.00 a.m., sal-Ħadd, is-6 ta' Mejju, 2018, minn Misraħ l-Indipendenza.

Il-Gudja

Nhar il-Ġimgħa, l-4 ta' Mejju, 2018, mit-3.30 p.m. 'il quddiem, minn Triq il-Kappillan, Triq il-Lunzjata, Triq Raymond Caruana u Triq il-Kbira.

Iż-Żurrieq

Nhar is-Sibt, id-19 ta' Mejju, 2018, mis-6.00 a.m. sal-Ħadd, l-20 ta' Mejju, 2018, minn nofsillejl, minn Pjazza Repubblika.

Nhar il-Ħadd, l-20 ta' Mejju, 2018, mis-6.00 a.m. sa nofsillejl, minn Pjazza Repubblika u Triq P. P. Saydon.

Marsaxlokk

Nhar it-Tlieta, it-8 ta' Mejju, 2018, mill-5.00 p.m. 'il quddiem, minn Xatt is-Sajjieda.

Nhar is-Sibt, is-26 ta' Mejju, 2018, mis-2.00 p.m. 'il quddiem, minn Triq San Ġużepp.

Bormla

Nhar it-Tlieta, it-22 ta' Mejju, 2018, mill-4.00 p.m.'il quddiem, minn Wesgħa l-25 ta' Ġunju 1905, Triq il-Pellegrinaġġ, Triq Santa Margerita, Triq Erin Serracino Inglott, Triq San Ġorġ u Triq l-Oratorju.

tas-Silġ, Triq il-Patrijiet Tereżjani, Lambordini Area and Triq Dellimara.

Ħal Għaxaq

On Sunday, 29th April, 2018, from 9.00 a.m. onwards, through Triq il-Gudja, Triq Santa Marija and Triq San Filippu.

Senglea

On Thursday, 3rd May, 2018, from 6.00 a.m. onwards, through Triq il-Karmnu, Cospicua (ex-Dockyard Parking Area), Pjazza Mitrovich, Senglea and Xatt Guann B. Azzopardo, Senglea (ex-Maċina Parking Area).

Żejtun

On Wednesday, 2nd May, 2018, from noon, till Monday, 7th May, 2018, through Misraħ is-Suq.

On Friday, 4th May, 2018, from 7.00 a.m., till Sunday, 6th May, 2018, through Misraħ l-Indipendenza.

Gudja

On Friday, 4th May, 2018, from 3.30 p.m. onwards through Triq il-Kappillan, Triq il-Lunzjata, Triq Raymond Caruana and Triq il-Kbira.

Żurrieq

On Saturday, 19th May, 2018, from 6.00 a.m. till Sunday 20th May, 2018, till midnight, through Republic Square.

On Sunday, 20th May, 2018, from 6.00 a.m. till midnight, through Republic Square and Triq P. P. Saydon

Marsaxlokk

On Tuesday, 8th May, 2018, from 5.00 p.m. onwards, through Xatt is-Sajjieda.

On Saturday, 26th May, 2018, from 2.00 p.m. onwards, through Triq San Ġużepp.

Cospicua

On Tuesday, 22nd May, 2018, from 4.00 p.m. onwards, through Wesgħa l-25 ta' Ġunju 1905, Triq il-Pellegrinaġġ, Triq Santa Margerita, Triq Erin Serracino Inglott, Triq San Ġorġ and Triq l-Oratorju.

Il-Munxar

Nhar is-Sibt, id-19 ta' Mejju, 2018, mid-9.30 a.m. sas-1.30 p.m., minn Pjazza tal-Knisja u Triq il-Madonna tal-Karmnu.

Nhar il-Ħamis, l-24 ta' Mejju, 2018, mis-7.30 p.m. sa nofsillejl, mill-Pjazza tal-Knisja.

Nhar il-Ġimgħa, il-25 ta' Mejju, 2018, mis-7.30 p.m. sa nofsillejl, mill-Pjazza tal-Knisja.

Nhar is-Sibt, is-26 ta' Mejju, 2018, mis-6.00 p.m. sat-8.00 p.m., minn Pjazza tal-Knisja, Triq Madonna tal-Karmnu, Triq Marziena u Triq Santa Dminka.

Nhar is-Sibt, is-26 ta' Mejju, 2018, mid-9.00 p.m. sas-1.00 a.m., minn Pjazza tal-Knisja, Triq il-Madonna tal-Karmnu, Triq il-Munxar u Triq Profs Ġużè Aquilina.

Nhar il-Ħadd, is-27 ta' Mejju, 2018, mis-6.30 p.m. sal-11.00 p.m., minn Triq San Pawl, Triq it-12 ta' Diċembru 1957, Triq Dun Spir Gauci, Triq Rinota, Triq Tarsu u Pjazza tal-Knisja.

Ta' Sannat

Nhar it-Tlieta, l-1 ta' Mejju, 2018, mis-7.00 p.m. sat-8.30 p.m., minn Pjazza Santa Margerita, Triq Dun Xand Aquilina, Triq Santa Marija u Triq Ta' Ċenċ.

Nhar il-Ħadd, l-20 ta' Mejju, 2018, mill-5.30 p.m. sas-7.30 p.m., minn Pjazza Santa Margerita, Triq Dun Xand Aquilina, Triq ix-Xabbata, Triq Marsilja u Triq Ta' Ċenċ.

Nhar il-Ħadd, it-3 ta' Ġunju, 2018, mill-11.00 a.m. sa nofsinhar, minn Pjazza Santa Margerita, Triq l-Isqof Coco Palmeri, Triq Vincenza Caruana Spiteri u Triq it-28 ta' April, 1688.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Is-27 ta' April, 2018

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 61

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 94/97 it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet kif indikat hawn taħt.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-

Munxar

On Saturday, 19th May, 2018, from 9.30 a.m. till 1.30 p.m., through Pjazza tal-Knisja and Triq il-Madonna tal-Karmnu.

On Thursday, 24th May, 2018, from 7.30 p.m. till midnight, through Pjazza tal-Knisja.

On Friday, 25th May, 2018, from 7.30 p.m. till midnight, through Pjazza tal-Knisja.

On Saturday, 26th May, 2018, from 6.00 p.m. till 8.00 p.m., through Pjazza tal-Knisja, Triq Madonna tal-Karmnu, Triq Marziena and Triq Santa Dminka.

On Saturday, 26th May, 2018, from 9.00 p.m. till 1.00 a.m., through Pjazza tal-Knisja, Triq il-Madonna tal-Karmnu, Triq il-Munxar and Triq Profs Ġużè Aquilina.

On Sunday, 27th May, 2018, from 6.30 p.m. till 11.00 p.m., through Triq San Pawl, Triq it-12 ta' Diċembru 1957, Triq Dun Spir Gauci, Triq Rinota, Triq Tarsu and Pjazza tal-Knisja.

Ta' Sannat

On Tuesday, 1st May, 2018, from 7.00 p.m. till 8.30 p.m., through Pjazza Santa Margerita, Triq Dun Xand Aquilina, Triq Santa Marija and Triq Ta' Ċenċ.

On Sunday, 20th May, 2018, from 5.30 p.m. till 7.30 p.m., through Pjazza Santa Margerita, Triq Dun Xand Aquilina, Triq ix-Xabbata, Triq Marsilja and Triq Ta' Ċenċ.

On Sunday, 3rd June, 2018, from 11.00 a.m. till noon, through Pjazza Santa Margerita, Triq l-Isqof Coco Palmeri, Triq Vincenza Caruana Spiteri and Triq it-28 ta' April, 1688.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

27th April, 2018

POLICE NOTICE

No. 61

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of L.N. 94/97 the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby

Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fiddati u l-ħinijiet indikati.

Il-Marsa

Nhar it-Tnejn, l-1 ta' Mejju, 2018, mill-4.00 p.m. sa nofsillejl, minn Triq Nerik Sacco.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Is-27 ta' April, 2018

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 31 tal-2018

Emenda għal Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 29 tal-2018 Rigward Festival Internazzjonali ta' Logħob tan-Nar 2018 Ħruq ta' Murtali fil-Port il-Kbir

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-*Yachting,* Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 29 tal-2018 Rigward Festival Internazzjonali ta' Logħob tan-Nar 2018 Ħruq ta' Murtali fil-Port il-Kbir ġie emendat kif ġej:

Il-murtali se jinħarqu minn nhar it-Tnejn, it-30 ta' April, 2018, bejn id-9.00 p.m. u l-11.00 p.m., ħin lokali (mis-7.00 p.m. sad-9.00 p.m. UTC).

Minħabba din il-bidla l-għeluq tal-port u ż-żona projbita se tkun effettiva mit-Tnejn, it-30 ta' April, 2018, mill-4.00 p.n. sal-11.00 p.m., ħin lokali (mis-2.00 p.m. sad-9.00 p.m. UTC).

Chart affettwata: BA 177

Is-27 ta' April, 2018

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Post ta' Assistent Librar/a

Il-Librerija tal-Università tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Assistent Librar/a biex j/tassisti fit-tmexxija tad-diversi dipartimenti li huma mmexxija mill-kapijiet rispettivi ta' kull sezzjoni. Min jiġi maħtur i/tkun responsabbli għad-Direttur tal-Librerija jew għad-deputati tiegħu/tagħha għall-qadi tad-dmirijet li jkunu assenjti lilu/lilha.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mis-sit elettroniku (http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies).

Is-27 ta' April, 2018

notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Marsa

On Monday, 1st May, 2018, from 4.00 p.m. till midnight, through Triq Nerik Sacco.

Vehicles found in contravention to the order of this notice are liable to be towed.

27th April, 2018

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 31 of 2018

Amendment to Local Notice to Mariners No 29 of 2018 Re – Malta International Fireworks Festival 2018 Fireworks Display in Grand Harbour

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta notifies that Local Notice to Mariners No. 29 of 2018 Re – Malta International Fireworks Festival 2018 Display in Grand Harbour is being amended as follows:

The fireworks will be let off on Monday, 30th April, 2018, between 9.00 p.m. and 11.00 p.m., local time (7.00 p.m. till 9.00 p.m. UTC).

Due to this change the port closure and prohibited area will be effective on Monday, 30th April, 2018, from 4.00 p.m. till 11.00 p.m., local time (2.00 p.m. till 9.00 p.m. UTC)

Chart Affected: BA 177

27th April, 2018

UNIVERSITY OF MALTA

Post of Library Assistant

The University Library is recruiting suitable candidates for the post of Library Assistant to help in the running of its various departments under the respective heads of section. The appointee will be responsible to the Director of Library Services or his deputies for the proper carrying out of the duties assigned to him/her.

Further information may be obtained from the website (http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies).

27th April, 2018

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA

Post ta' *Midwife* fuq Bażi *Full-time/Part-time* il-Ministeru għas-Saħħa

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Id-Direttur (*Resourcing and Employee Relations*), Ministeru għas-Saħħa tilqa' applikazzjonijiet għal *Midwife* fuq bażi *full-time/part-time* fil-Ministeru għas-Saħħa.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' sena jekk maħtura b'*Degree* fil-*Midwifery* (Skala 10) u għal perjodu ta' sitt (6) xhur jekk maħtura b'Diploma fil-*Midwifey* (Skala 12).

2.2 Is-salarju ta' *Midwife* (bid-Diploma) huwa ta' Skala ta' Salarju 12, €17,026 fis-sena, li jiżdied bi €354.00 fis-sena sa massimu ta' €19,150. *Midwife* (bid-Diploma) titla' fi Skala ta' Salarju 10 (€19,331 x €407.67 - €21,777) wara ħames (5) snin servizz fil-grad jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti, u wara dan, titla' fi Skala ta' Salarju 9 (€20,590 x €447.33 - €23,274) wara għaxar (10) snin servizz bħala *Midwife* (bid-Diploma) fi Skala ta' Salarju 10 jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.3 Is-salarju ta' *Midwife* (bid-*Degree*) fil-pussess ta' l-*BSc* (*Midwifery*) *degree* f'Livell 6 tal-MQF *(*suġġett għal minimu ta' 180 krettu ECTS/ECVETS, jew ekwivalenti, fir-rigward ta' programmi li jibdew minn Ottubru 2003) jew l-ekwivalenti hekk kif jiġi ddeterminat mid-Dipartiment tas-Saħħa u wara konsulta mal-Kunsill tal-Infermiera u l-Qwiebel (Malta), huwa fi Skala ta' Salarju 10, €19,331 fis-sena li jiżdied b'€407.67 fis-sena sa massimu ta' €21,777. *Midwife* (bid-*Degree*) titla' fi Skala ta' Salarju 9 (€20,590 x €447.33 - €23,274) wara sentejn (2) servizz bħala *Midwife* (bid-*Degree*) fi Skala ta' Salarju 10, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.4 *Midwife* fil-pussess ta' *Masters Degree* xierqa ta' wara l-gradwazzjoni f'Livell 7 tal-*MQF (*suġġett għal minimu ta' 60 krettu *ECTS/ECVET,* jew ekwivalenti, fir-rigward ta' programmi li bdew minn Ottubru 2008) tidħol fi Skala ta' Salarju 10, (€19,331 x €407.67 - €21,777) u titla' għal Skala ta' Salarju 8 (€21,951 x €486.83 - €24,872) wara sentejn (2) servizz sodisfaċenti bħala *Midwife*. Dment li kwalunkwe applikanti fil-pussess ta' *degree Masters* xierqa f'Livell 7 tal-*MQF* (suġġett għal minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET jew ekwivalenti fir-rigward ta' programmi li bdew minn Ottubru 2008), u li jkollhom aggregat minimu

MINISTRY FOR HEALTH

Post of Midwife on Full-time/Part-time Basis in the Ministry for Health

Nomenclatures importing the male gender include also the female gender.

1. The Director (Resourcing and Employee Relations), Ministry for Health invites applications for the post of Midwife on full-time/part-time basis in the Ministry for Health.

Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary period of one (1) year if appointed with a Degree in Midwifery (Scale 10) and for a period of six (6) months if appointed with a Diploma in Midwifery (Scale 12).

2.2 . The salary for the post of Midwife (with Diploma) is Salary Scale 12, that is, €17,026 per annum, rising by annual increments of €354.00 up to a maximum of €19,150. A Midwife (with Diploma) will progress to Salary Scale 10, (currently €19,331 x €407.67 - €21,777) on completion of five (5) years service in the grade, subject to satisfactory performance, and thereafter progress to Salary Scale 9 (€20,590 x €447.33 - €23,274 on completion of ten (10) years service as Midwife (with Diploma) in Salary Scale 10 subject to satisfactory performance.

2.3 The salary for the post of Midwife in possession of a BSc (Midwifery) degree at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVETS credits or equivalent, with regard to programmes commencing as from October 2003) or its equivalent as determined by the Department of Health, following consultation with the Council of Nurses and Midwives (Malta), is in Salary Scale 10, currently €19,331 per annum rising by annual increments of €407.67 up to a maximum of €21,777. A Midwife (with Degree) will progress to Salary Scale 9 (€20,590 x €447.33 - €23,274) on completion of two (2) years service as Midwife (with Degree) in Salary Scale 10 subject to satisfactory performance.

2.4 A Midwife who is in possession of an appropriate postgraduate Masters' Degree at MQF Level 7 (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVET credits or equivalent, with regard to programmes commencing as from October 2008) shall enter in Salary Scale 10 (€19,331 x €407.67 - €21,777) and shall move to Salary Scale 8 (€21,951 x €486.83 - €24,872) upon completion of two (2) years satisfactory service as Midwife. Provided that any applicants in possession of an appropriate Masters Degree at MQF Level 7 (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVET credits or equivalent, with regard to programmes commencing as from October

ta' sentejn (2) servizz sodisfaċenti fis-servizz tal-*Midwifery* mal-Gvern, jitpoġġew immedjatament fit-tarġa rilevanti ta' Skala ta' Salarju 8 skont id-dispożizzjonijiet stipulati fil-*Public Service Management Code (PSMC)* minn żmien għal żmien. Meta titpoġġa fi Skala ta' Salarju 8, il-*Midwife* jkollha tagħmel il-*competency programme* u l-*evaluation framework* biex tkun tista' tipprogressa iżjed fit-triq rilevanti tal-karriera.

2.5. Qed jiġi nnutat li s-salarju marbut mal-Post ta' *Midwife* fuq bażi *full-time/part-time* hu supplimentat b'*allowances* hekk kif speċifikat fil-ftehim settorali fis-seħħ iffirmat bejn il-Gvern ta' Malta u l-*Union* ta' Malta għall-Qwiebel u Infermiera.

Dmirijiet

3.1. Id-dmirijiet ta' *Midwife* jinkludu li:

(a) tipprovdi informazzjoni u parir tajjeb dwar l-Ippjanar tal-Familja;

(b) toffri s-superviżjoni meħtieġa, il-kura u l-pariri linnisa waqt it-tqala, il-ħlas u ż-żmien ta' wara t-twelid kemm fl-ambitu tal-isptar kif ukoll fil-komunità kif ikun neċessarju;

(c) twelled f'każijiet mhux ikkumplikati u tieħu ħsieb lill-omm u lit-tarbija;

(d) tirreferi fil-ħin lill-membri anzjani tat-tim fil-każ ta' kwalunkwe devjazzjoni min-norma jew kumplikazzjonijiet;

(e) twettaq dmirijiet oħra skont l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni;

(f) tagħmel użu mis-sistemi tat-Teknoloġija tal-Informatika li jkunu qed jintużaw fil-Ministeru għas- Saħħa.

Aktar dettalji dwar id-dmirijiet marbuta ma' dan il-post jistgħu jinkisbu mid-Direttorat tar-*Resourcing and Employee Relations*, Ministeru għas-Saħħa, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta VLT 1171, li jista' jiġi kkuntattjat ukoll permezz ta' *email* lil (recruitment.health@gov.mt).

3.2 Persuna maħtura tista' tiġi mitluba li twettaq dmirijiet fi kwalunkwe servizz għall-kura tas-saħħa tal-Gvern ta' Malta skont id-diskrezzjoni tal-Amministrazzjoni.

3.3 Il-kandidati magħżulin jistgħu jkunu meħtieġa jaħdmu fuq bażi ta' *shift* li jinkludi xogħol billejl skont *rosters* stabbiliti fil-Ministeru għas-Saħħa. *Midwives* ingaġġati fuq bażi *part-time* ikunu meħtieġa li jaħdmu minimu ta' għoxrin (20) siegħa fil-ġimgħa u allokati f'*rosters* u sezzjonijiet skont l-eżiġenzi tas-servizz.

2008), and who have a minimum aggregate of two (2) years satisfactory Midwifery service with Government, shall be immediately placed in the relevant step of Salary Scale 8 in accordance with the provisions stipulated in the Public Service Management Code (PSMC) from time to time. Upon being placed in Salary Scale 8, the Midwife will have to undertake the competency programme and evaluation framework in order to progress further in the relevant career path.

2.5 It is being noted that the salary for the post of Midwife on a full-time/ part-time basis is supplemented by allowances as specified by the sectoral agreement in force signed between the Government of Malta and the Malta Union of Midwives and Nurses.

Duties

3.1. The duties of Midwife include:

(a) providing sound Family Planning information and advice;

(b) offering the necessary supervision, care and advice to women during pregnancy, labour and post natal period both within the hospital and community settings as required;

(c) conducting uncomplicated deliveries and caring for the mother and the baby;

(d) carrying out timely referral to senior members of the team in the event of any deviation from the norm or complications;

(e) performing any other duties according to the exigencies of the Public Service as directed by the Principal Permanent Secretary;

(f) making use of the Information Technology systems which may be in operation within the Ministry for Health.

Further details of the job description of the post may be obtained from the Resourcing and Employee Relations Directorate, Ministry for Health, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1171, which may also be contacted by email to (recruitment.health@gov.mt).

3.2 An appointee may be required to perform duties in any of the health care services of the Government of Malta at the discretion of the Management.

3.3 Selected candidates may be required to perform duties on a shift basis including night duty according to the established rosters in the Ministry for Health. Midwives engaged on part-time basis will be required to work on a minimum of 20 hours per week and deployed on a roster and section according to exigencies of the services.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

(i) (a) ċittadini ta' Malta; jew

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(c) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(d) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji.

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment għall-Affarijiet taċ-Ċittadinanza u *Expatriates* fi ħdan l-Aġenzija *Identity Malta* skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. *Jobsplus* għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

(ii) profiċjenti fil-lingwa Maltija u l-lingwa Ingliża;

(iii) fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta f'Livell 5 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVETS fir-rigward ta' programmi li jibdew minn Ottubru 2003) jew ekwivalenti fil-*Midwifery* U jkollhom ċertifikat ta' reġistrazzjoni mal-Kunsill tal-Infermiera u Qwiebel (Malta) bħala *Midwife* u *Warrant* biex tipprattika bħala *Midwife* f'Malta;

Eligibility Requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(i) (a) citizens of Malta; or

(b) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(c) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(d) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

(e) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

The advice of the Department of Citizenship and Expatriate Affairs within the Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

(ii) proficient in the Maltese and English Languages;

(iii) in possession of a recognised qualification at MQF level 5 (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVETS with regards to programmes commencing as from October 2003) or equivalent in Midwifery AND in possession of a certificate of registration as a Midwife with the Council for Nurses and Midwives (Malta) and a warrant to practice as a Midwife in Malta;

JEW

(iv) fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta f'Livell 6 tal-MQF (suġġett għal minimu ta'180 krettu ECTS/ECVETS jew ekwivalenti fir-rigward ta' programmi li jibdew minn Ottubru 2003) fil-*Midwifery* U jkollhom ċertifikat ta' reġistrazzjoni mal-Kunsill tal-Infermiera u Qwiebel (Malta) bħala *Midwife* u *Warrant* biex tipprattika bħala *Midwife* f'Malta.

4.2 Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbilità, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba. Kwalifika ta' *Masters* f'Livell 7 ta' MQF, jew ekwivalenti, għandha tinkludi minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVETS, fir-rigward ta' korsijiet li bdew minn Ottubru 2008.

Aktar minn hekk, dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu r-rekwiżiti speċifikati f'paragrafi 4.1 (iii) jew 4.1 (iv) formalment, xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew approvati għall-għoti ta' tali rekwiżiti sal-aħħar ta' Frar 2019. Jekk jintgħażlu, dawn il-kandidati jridu juru r-rekwiżiti indikati f'paragrafi 4.1 (iii) jew 4.1 (iv) qabel il-ħatra.

4.3 Uffiċjali Pubbliċi li għandhom grad fi klassi partikolari, u li ngħataw il-ħatra ta' *Officer in Scale* permezz ta' deċiżjoni tal-*Grievances Unit* fl-istess skala ta' dak ta' grad ogħla fl-istess klassi, huma eliġibbli li japplikaw għal gradi miftuħa għal uffiċjali li għandhom tali grad ogħla bl-istess skala ta' dik tal-ħatra ta' *Officer in Scale*.

Is-snin ta' servizz mid-data ta' meta ġiet effettiva l-ħatra bħala *Officer in Scale* jgħoddu bħala parti mis-snin ta' servizz mitluba fis-sejħa ta' applikazzjonijiet.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' eliġibbiltà għall-post irid jiġi sodisfatt skont din is-sejħa ta' applikazzjonijiet.

4.4 L-applikanti jridu jkunu ta' kondotta li hi xierqa għall-post li l-persuna qed tapplika għalih (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta riċenti maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

4.5 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'dan il-grad, skont 4.1 sa 4.4 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

OR

(iv) in possession of a recognised qualification at MQF level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVETS credits or equivalent, with regard to programmes commencing as from October 2003) in Midwifery AND in possession of a certificate of registration as a Midwife with the Council for Nurses and Midwives (Malta) and a warrant to practice as Midwife in Malta

4.2 Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements. A Masters qualification at MQF Level 7, or equivalent, must comprise a minimum of 60 ECTS/ECVET credits with regard to programmes commencing as from October 2008.

Moreover, candidates who have not yet formally obtained the requisites specified in paragraphs 4.1 (iii) or 4.1 (iv) will still be considered, provided that they submit evidence that they would qualify for such requisites by end February 2019. If selected, such candidates must produce the requisites indicated in paragraphs 4.1 (iii) or 4.1 (iv) before appointment.

4.3 Public Officers holding a grade in a particular stream, and who were granted Officer in Scale status by virtue of a Grievances Unit decision in the same scale as that of a higher grade in that stream, are eligible to apply for grades open to officers holding such higher grade within the stream that carries the same scale as that of the Officer in Scale status.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Scale are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of service stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post must be met in terms of this call for applications.

4.4 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

4.5 Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 4.1 to 4.4 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

4.6 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-*link* aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti li kopja tagħhom għandha tkun mehmuża mal-applikazzjoni. Kopji *scanned* mibgħuta b'mod elettroniku huma aċċettati.

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak mitlub f'paragrafi 4.1 sa 4.3, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

7. L-applikazzjonijiet flimkien mal-*curriculum vitae* li juru l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu mid-Direttorat tar-*Resourcing and Employee Relations,* Ministeru għas-Saħħa, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta VLT 1171, sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tnejn, l-14 ta' Mejju, 2018. L-applikazzjonijiet jistgħu jiġu sottomessi wkoll permezz tal-*Online Government Recruitment Portal* (http://recruitment.gov.mt) sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, kif indikat hawn fuq. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultati;
eżami mediku;
proċess sabiex tintbagħat petizzjoni dwar ir-riżultat;

4.6 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Submission of Supporting Documentation

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be attached to the application. Scanned copies sent electronically are acceptable.

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedure

6.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.3, have proven relevant work experience.

Submission of Applications

7. Applications, together with a *curriculum vitae* showing qualifications and experience, will be received by Resourcing and Employee Relations Directorate, Ministry for Health, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1171, by not later than noon (Central European Time) of Monday, 14th May 2018**.** Applications can also be submitted through the Online Government Recruitment Portal (http://recruitment.gov.mt) by the said closing time and date of thos call for applications, as indicated above. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jinsabu fis-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards (https://publicservice.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx) jew jinkisbu mid-Direttorat tar-*Resourcing and Employee Relations*, Ministeru għas-Saħħa, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta VLT 1171. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jitqiesu bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku tal-Ministeru għas-Saħħa huwa (https://deputyprimeminister.gov.mt), in-numru tal-*fax* huwa +356 2299 2604 u l-indirizz elettroniku tad-Direttorat huwa (recruitment.health@gov.mt).

Is-27 ta' April, 2018

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL

Post ta' *Social Worker* fi Ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol

(skont l-*HR Plan* tal-Ministeru għas-sena 2018)

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol (MEDE) jixtieq jiġbed l-attenzjoni tal-applikanti interessati li l-ebda forma ta' abbuż fuq it-tfal mhuwa tollerat. Fil-proċess tar-reklutaġġ, il-MEDE jimxi mal-Liġi Sussidjarja 327.546 (Regolamenti tal-2016 dwar ir-Reklutaġġ, Taħriġ Inizjali u Żvilupp Professjonali Kontinwu u Protezzjoni ta' Minorenni fl-Edukazzjoni Obbligatorja).

1.0 Introduzzjoni

1.1 Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol (MEDE) jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' *Social Worker* fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol.

2.0 Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija soġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xhar.

2.2 Is-salarju ta' *Social Worker* huwa ta' Skala ta' Salarju 10, €19,331.00 fis-sena, li jiżdied b'€407.67 fis-sena sa massimu ta' €21,777.00.

2.3 Persuna fil-grad ta' *Social Worker* titla' fi Skala 9 (€20,590.00 x €447.33 - €23,274.00) sentejn (2) servizz fil-grad, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti u jekk

access to application forms and related details;
retention of documents,

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division (https://publicservice.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx) or may be obtained from the Resourcing and Employee Relations Directorate, Ministry for Health, Palazzo Castellania, 15, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1171. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address of the Ministry for Health is (https://deputyprimeminister.gov.mt), the fax number is +356 2299 2604 and the email address (recruitment.health@gov.mt).

27th April, 2018

MINISTRY FOR EDUCATION AND EMPLOYMENT

Post of Social Worker within the Ministry for Education and Employment

(as per Ministry's HR plan for the year 2018)

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Ministry for Education and Employment (MEDE) would like to remind all interested applicants that it has zero tolerance policy towards any form of child abuse. MEDE adheres to S.L. 327.546 (Recruitment, Initial Training and Continuous Professional Development of Personnel and Protection of Minors in Compulsory Education Regulations 2016) in its recruitment process.

1.0 Introduction

1.1 The Permanent Secretary, Ministry for Education and Employment (MEDE), invites applications for the post of Social Worker within the Ministry for Education and Employment.

2.0 Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary period of twelve (12) months.

2.2 The salary for the post of Social Worker is Salary Scale 10, that is, €19,331.00 per annum, rising by annual increments of €407.67 up to a maximum of €21,777.00.

2.3 A Social Worker will progress to Salary Scale 9 (€20,590.00 x €447.33 - €23,274.00) on completion of 2 years service in the grade, subject to satisfactory

ikollha fil-pussess tagħha *warrant* li tkun tista' tipprattika bħala *Social Worker*.

2.4 Persuna fil-grad ta' *Social Worker* (Skala ta' Salarju 9) tiġi promossa għall-grad ta' *Social Worker* fi Skala 8 (€21,951.00 x €486.83 - €24,872.00) wara tmien (8) snin servizz, dejjem jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.5 Persuna fil-grad ta' *Social Worker* fi Skala ta' Salarju 8 li għandha kwalifika ta' *Masters* rikonoxxuta f'Livell 7 MQF (suġġetta għal minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET jew ekwivalenti rigward programmi mibdija minn Ottubru 2008) relatata mas-*Social Work*, tibbenefika minn estensjoni fl-iskala ta' salarju fuq il-bażi tal-kwalifika tal-*Masters* u wara tnax-il (12) xahar fil-massimu tal-Iskala ta' Salarju 8, wara intervista u suġġetta għal ħidma sodisfaċenti fil-grad. Il-persuna tibqa' żżomm il-grad ta' *Social Worker*. F'dawn iċ-ċirkustanzi titqiegħed fl-Iskala ta' Salarju 7. Meta tidħol fl-Iskala ta' Salarju 7, l-*allowance* tal-kwalifika stipulata fil-PSMC ma tibqax tingħata.

2.6 Il-persuna magħżula tkun intitolata *allowance* mhux pensjonabbli ta' €1,000 fis-sena kif kontemplat fil-*Memorandum of Understanding* rigward is-*Social Work Class* iffirmata fl-1 ta' Frar 2008 bejn il-UĦM u l-Gvern ta' Malta li għandha tibqa' tingħata lill-uffiċjali fil-gradi rispettivi li jaqgħu taħt *Social Class* u li għandhom *warrant* biex jipprattikaw bħala *Social Worker*.

2.7 Matul iż-żmien tal-prova l-persuna maħtura trid taħdem/tattendi fażi ta' introduzzjoni li matulha tingħata tagħrif intensiv mid-Dipartiment ta' Servizzi Nazzjonali ta' Sapport għall-Iskejjel u tista' wkoll tiġi mitluba tattendi taħriġ organizzat minn entitajiet oħra mid-Dipartiment ta' Servizzi Nazzjonali ta' Sapport għall-Iskejjel.

3.0 Dmirijiet

3**.** 1 Id-dmirijiet ta' persuna fil-ħatra ta' *Social Worker* jinkludu:

a) tagħmel assessjar tal-bżonnijiet ta' tfal u studenti referuti lis-servizz permezz ta' viżti fid-dar, fl-iskola, fl-uffiċċju jew postijiet oħra;

b) taħdem b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-professjonisti edukattivi psikosoċjali li jaħdmu fi ħdan il-kulleġġ, mal-amministrazzjoni tal-iskejjel, mas-Servizzi Nazzjonali ta' Sapport għall-Iskejjel, u ma' professjonisti oħra li jaħdmu f'entitajiet oħra tal-Gvern, kif ukoll f'aġenziji mhux governattivi biex b'hekk jiżguraw l-aħjar użu tar-riżorsi għall-ġid tal-klijenti tagħhom;

c) tippromovi u taqsam informazzjoni dwar l-*Addressing Attendance in Schools Policy*, proċeduri, stateġija u implimentazzjoni mal-istudenti, ġenituri u l-istaff fl-iskejjel,

performance and is in possession of a warrant to practice as a Social Worker.

2.4 A Social Worker (Salary Scale 9) will progress to Social Worker Salary Scale 8 (€21,951.00 x €486.83 - €24,872.00) after eight (8) years of satisfactory performance in the grade.

2.5 A Social Worker in Salary Scale 8 who is in possession of a recognised Masters qualification at MQF Level 7 (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVET credits or equivalent with regards to programmes commencing as from October 2008) related to Social Work, shall benefit from an extended salary scale on the basis of a Masters degree and after twelve (12) months on the maximum of Salary Scale 8, following an interview and subject to satisfactory performance. S/he shall retain the grade of Social Worker. In such circumstances s/he shall be placed into Salary Scale 7. Upon being placed in salary scale 7 the qualification allowance stipulated in the PSMC shall cease to be paid.

2.6 The selected candidate will be entitled a non-pensionable allowance of €1,000 per annum as contemplated in the Memorandum of Understanding regarding the Social Class signed on 1st February 2008 between the UĦM and the Government of Malta that shall continue to be awarded to officers in the respective grades falling under the Social Class and who have a warrant to practice as Social Worker.

2.7 During the probation period the chosen candidate has to work/attend an introductory phase during which intensive information is given by the Department of National School Support Services and can also be asked to attend training organised by other entities within the Department of National School Support Services.

3.0 Duties

3.1 The duties of Social Worker include:

a) carrying out home, school, office or other visits to assess the needs of children and learners referred to the service;

b) working in close collaboration with the college education psycho-social team, school management teams, the National School Support Services, and professionals employed with other Government entities and non-governmental agencies, thereby ensuring maximum utilisation of resources for the benefit of their clients;

c) promoting and disseminating the Addressing Attendance in Schools Policy, Strategy and Procedures with students, parents and school staff accordingly, and implementing the

kif ukoll jimplimenta l-miżuri kif indikat fl-istess dokumenti;

d) tara li l-ġenituri jsegwu l-liġi dwar l-edukazzjoni obbligatorja, timmonitorja l-attendenza tat-tfal fuq bażi regolari u tindirizza dawk l-aspetti li qed iwasslu għall-assenteiżmu;

e) tipprepara għal u tattendi s-seduti tat-Tribunali Reġjonali;

f) izżomm kuntatt regolari mal-uffiċċju amministrattiv tas-Servizz tal-Ħidma Soċjali fi ħdan l-NSSS;

g) tassigura li r-rekords u s-sistemi ta' lloggjar dwar l-interventi kollha mal-istudenti jinżammu filwaqt li tiggarantixxi li l-kunfidenzjalità tinżamm dejjem skont il-provvisti legali eżistenti;

h) twettaq dmirijiet oħra skont l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku fuq struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti, MEDE;

i) tagħmel kull xogħol ieħor skont l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku kif mitlub mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

3.2 Aktar dettalji dwar id-dmirijiet marbuta ma' dan il-post jistgħu jinkisbu minn (http://education.gov.mt/en/vacancies/Pages/Vacancies.aspx).

3.3 Ir-rwol ta' *Social Worker* jesiġi primarjament li jitwettaq xogħol soċjali ta' valutazzjoni u ta' interventi effettivi ma' tfal, studenti u l-familji tagħhom. Il-kandidati magħżula jridu jassiguraw li l-klijenti tagħhom jiġu provduti b'servizz ta' ħidma soċjali professjonali u effiċjenti permezz ta' *assessments* preċiżi kif ukoll interventi professjonali f'waqthom. Ir-responsabbiltajiet jinkludu ż-żamma ta' dokumentazzjoni meħtieġa, l-immaniġġjar ta' każijiet, il-kitba ta' rapporti, l-użu minn laqgħat dwar każijiet u reviżjoni ta' każijiet, biex jassigura li l-interventi jkunu ħolistiċi u integrati, konsultazzjonijiet, ħidma fi grupp, u interventi f'waqtiet ta' kriżi.

3.4 Persuna fil-grad ta' *Social Worker* tista' tintbagħat taqdi dmirijiet f'kulleġġi tal-Istat, fi skejjel tal-primarja u/jew tas-sekondarja, f'*resource centres*, f'*learning support centres* u f'istituzzjonijiet edukattiva oħra, skond l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku u b'mod partikulari tal-MEDE.

4.0 Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

(i) (a) ċittadini ta' Malta; jew

relevant measures as indicated in the Addressing Attendance in Schools Strategy and Implementation;

d) ensuring the law on compulsory education is adhered to by parents, keeping track of truant students and addressing issues that are leading to absenteeism;

e) preparing for and participating in Regional Tribunal Sittings;

f) maintaining regular working links with the Social Work Service (SWS) administrative office at NSSS;

g) ensuring that records and logging systems are well kept regarding all interventions carried out with each students whilst ensuring confidentiality at all times in accordance with legal provisions;

h) any other duties according to the exigencies of the Public Service as directed by the Permanent secretary, MEDE;

i) performing any other duties according to the exigencies of the Public Service as directed by the Principal Permanent Secretary.

3.2 Further details of the job description for the post of Social Worker may be obtained from (http://education.gov.mt/en/vacancies/Pages/Vacancies.aspx).

3.3 The role of the Social Worker primarily entails carrying out effective social work assessment and interventions with children, learners and their families. A selected candidate must ensure that service users are provided with a professional standard of social work through accurate assessments as well as the provision of professional and timely interventions. Responsibilities include maintaining required documentation, case management, report writing, the use of case conferences and case reviews to ensure holistic and integrated interventions, consultation, team work, and crises intervention.

3.4 A Social Worker can be deployed to perform duties in State colleges, primary and/or secondary schools, resource centres, learning support centres and any other educational institutions, according to the exigencies of the Public Service and MEDE in particular.

4.0 Eligibility Requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(i) (a) citizens of Malta; or

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(b) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(c) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(c) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(d) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

(d) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji.

(e) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

Il-parir tad-Dipartiment għall-Affarijiet taċ-Ċittadinanza u *Expatriates* fi ħdan l-Aġenzija *Identity Malta* għandu jiġi mfittex skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

The advice of the Department of Citizenship and Expatriate Affairs within the Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. *Jobsplus* għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

(ii) kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża

(ii) able to communicate in the Maltese and English Languages;

(iii) (a) ikollhom fil-pussess tagħhom w*arrant* maħruġ mill-*Malta Social Work Profession Board;* U

(iii) (a) in possession of the warrant issued by the Malta Social Work Profession Board; AND

(b) ikollhom fil-pussess tagħhom kwalifika rikonoxxuta f'Livell 6 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 180 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, fir-rigward ta' programmi li bdew minn Ottubru 2003) fis-*Social Work* jew kwalifika professjonali kumparabbli; JEW

(b) in possession of a recognised qualification at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVET credits, or equivalent, with regard to programmes commencing as from October 2003) in Social Work or a comparable professional qualification; OR

(iv) ikollhom fil-pussess tagħhom il-kwalifika msemmija fil-paragrafu 4.1(iii) (b) hawn fuq, u li jkunu eliġibbli għall-*warrant* imsemmi f'paragrafu 4.1(iii) (a) hawn fuq, bil-kundizzjoni li ladarba jkunu temmew perjodu ta' ammont ta'

(iv) in possession of the qualification mentioned in paragraph 4.1 (iii) (b) above and who are eligible for the warrant mentioned in paragraph 4.1 (iii) (a) above, on condition that following the completion of an aggregate

mhux anqas minn sentejn (2) prattika professjonali *full-time* (jew l-ekwivalenti f'*part-time*), taħt superviżjoni ta' *Social Worker* bil-*warrant*, il-persuna magħżula tkun mistennija li tapplika għall-*warrant* ta' *Social Worker* u sakemm tingħata l-*warrant* neċessarju, tkun fuq *probation* taħt superviżjoni;

4.2 Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbiltà sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba. Kwalifika ta' *Masters* f'livell 7 ta' MQF, jew ekwivalenti, għandha tinkludi minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET fir-rigward ta' korsijiet li bdew minn Ottubru 2008.

Dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki msemmija hawn fuq formalment xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifiki msemmija jew inkella jkunu lestew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, meħuda bħala parti minn programm ta' studju ta' livell tal-MQF rikonoxxut, kif mitlub fil-kriterji tal-eliġibbiltà ta' hawn fuq jew ogħla, sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.3 Uffiċjali Pubbliċi li għandhom grad fi klassi partikolari, u li ngħataw il-ħatra ta' *Officer in Scale* permezz ta' deċiżjoni tal-*Grievances Unit* fl-istess skala ta' dak ta' grad ogħla fl-istess klassi, huma eliġibbli li japplikaw għal gradi miftuħa għal uffiċjali li għandhom tali grad ogħla bl-istess skala ta' dik tal-ħatra ta' *Officer in Scale*.

Is-snin ta' servizz mid-data ta' meta ġiet effettiva l-ħatra bħala *Officer in Scale* jgħoddu bħala parti mis-snin ta' servizz mitluba fis-sejħa ta' applikazzjonijiet.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' eliġibbiltà għall-post irid jiġi sodisfatt skont din is-sejħa ta' applikazzjonijiet.

4.4 L-applikanti jridu jkunu ta' kondotta li hi xierqa għall-post li l-persuna qed tapplika għalih (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta riċenti maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

4.5 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'dan il-grad, skont 4.1 sa 4.4 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

4.6 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-

period of at least two (2) years full-time (or its equivalent in part-time) professional practice under the supervision of a warranted social worker, the selected candidate will be required to apply for a Social Worker's warrant and until such time as s/he is awarded the required warrant, s/he will be on probation and under supervision.

4.2 Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements. A Masters qualification at MQF Level 7, or equivalent, must comprise a minimum of 60 ECTS/ECVET credits with regard to programmes commencing as from October 2008.

Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered, provided that they submit evidence that they have been approved for the award of the qualifications in question, or successfully completed the necessary ECTS/ECVET credits, or equivalent, taken as part of a recognized MQF level programme of study, as required in the afore-mentioned eligibility criteria or higher, by the closing time and date of the call for applications.

4.3 Public Officers holding a grade in a particular stream, and who were granted Officer in Scale status by virtue of a Grievances Unit decision in the same scale as that of a higher grade in that stream, are eligible to apply for grades open to officers holding such higher grade within the stream that carries the same scale as that of the Officer in Scale status.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Scale are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of service stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post must be met in terms of this call for applications.

4.4 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

4.5 Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 4.1 to 4.4 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

4.6 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their

applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-*link* aktar 'l isfel).

5.0 Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti li kopja tagħhom għandha tkun imtellgħa mal-applikazzjoni fuq l-*edurecruitment portal* (https://edurecruitment.gov.mt).

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

6.0 Proċeduri tal-Għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100 u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50.

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak mitlub f'paragrafi 4.1 sa 4.3, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

6.3 L-applikanti għandhom jinnominaw żewġ persuni indipendenti bħala *referees* li lesti jagħtu l-fehma tagħhom dwar l-applikanti. L-applikanti għandhom jitolbu lir-*referees* biex jiktbu b'mod kunfidenzjali direttament liċ-*Chairperson* tal-Bord tal-Għażla, Post ta' *Social Worker*, Servizzi Nazzjonali ta' Sapport għall-Iskejjel, Triq Fra Gaetano Pace Forno, Il-Ħamrun. Membri tal-Parlament ta' Malta, membri tal-Parlament Ewropew, kunsilliera lokali, impjegati tas-Servizz Pubbliku u qraba tal-applikanti ma jikkwalifikawx biex jagħmluha ta' *referees*.

7.0 Sottomissjoni tal-applikazzjoni

7.1 L-applikazzjonijiet flimkien mal-*curriculum vitae* li juru l-kwalifiki u l-esperjenza jintbagħtu permezz tal-Portal tal-Ingaġġ tal-Edukazzjoni BISS f'dan l-indirizz: (https://edurecruitment.gov.mt) mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tnejn, l-14 ta' Mejju, 2018.

Irċevuta awtomatika tintbagħat lill-applikant permezz ta' *email* li tinforma lill-applikant li l-applikazzjoni tiegħu/tagħha waslet. Aktar assistenza tinkiseb mill-*Customer Care* fuq in-numri tat-telefown 2598 u ext. 2463/2461/2467/2334/2437/2436/2455.

7.2 L-applikanti huma mħeġġa biex ma jistennewx sal-aħħar ġurnata sabiex jissottomettu l-applikazzjonijiet tagħhom peress li numru kbir ta' applikazzjonijiet f'daqqa

qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

5.0 Submission of Supporting Documentation

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be uploaded on the edurecruitment portal (https://edurecruitment.gov.mt), when you apply.

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

6.0 Selection Procedure

6.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is 100 and the pass mark is 50.

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.3, have proven relevant work experience.

6.3 Applicants should nominate two independent persons to act as referees. Applicants should ask the referees to write under confidential cover directly to the Chairperson of the Selection Board, Post of Social Worker, National School Support Services (NSSS) Fra Gaetano Pace Forno Street, Ħamrun. Members of the Parliament of Malta, members of the European Parliament, local councillors, Public Service employees and relatives of the applicants are not suitable to act as referees.

7.0 Submission of applications

7.1 Applications, together with a *curriculum vitae* showing qualifications and experience, are to be submitted through the Online Education Recruitment Portal ONLY at the following address: (https://edurecruitment.gov.mt) by not later than noon (Central European Time) of Monday, 14th May, 2018.

An automatic receipt will be sent to the applicant's email informing the applicant that his/her application was submitted successfully. Further assistance with the application kindly can be obtained through Customer Care on telephone numbers 2598 and ext 2463/2461/2467/2334/2437/2436/2455.

7.2 Applicants are strongly advised not to wait until the last day to submit their applications since heavy internet traffic or a fault with the internet connection could lead to

jew xi ħsara fil-konnessjoni tal-internet tista' twassal għal diffikultajiet fis-sottomissjoni. MEDE ma tistax tinżamm responsabbli għal xi dewmien minħabba tali diffikultajiet

7.3 Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

8.0 Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8.1 Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami medika;
proċess sabiex tintbagħat petizzjoni dwar ir-riżultat;

7. aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati (mhux applikabbli fid-dawl ta' paragrafu 7.1 hawn fuq);

8. żamma ta' dokumenti,

jinsabu fis-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards (https://publicservice.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx) Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jitqiesu bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-27 ta' April, 2018

FORZI ARMATI TA' MALTA

Post ta' Uffiċjal Mediku
fil-Forzi Armati ta' Malta

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jirreferu wkoll għall-femminil.

1. Il-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Uffiċjal Mediku (*non-combatant*) b'kummissjoni fil-Forza Regolari tal-Forzi Armati ta' Malta.

2. Jintlaqgħu applikazzjonijiet mingħand applikanti li jissodisfaw il-kriterji li ġejjin:

a. Nazzjonalità – ċittadini ta' Malta;

b. Età – l-applikanti m'għandhomx ikunu għalqu t-30 sena sal-31 ta' Diċembru 2018;

difficulties in submission. MEDE cannot be held responsible for any delay due to such difficulties.

7.3 Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

8.0 Other General Provisions

8.1 Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details; (not applicable in view of paragraph 7.1 above);

8. retention of documents,

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division (https://publicservice.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx) These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

27th April, 2018

ARMED FORCES OF MALTA

Post of Medical Officer
in the Armed Forces of Malta

Nomenclatures denoting the male gender includes also the female gender.

1. The Commander Armed Forces of Malta invites applications for the post of a Medical Officer (non-combatant) commissioned in the Regular Force of the Armed Forces of Malta.

2. Applications are invited from applicants who satisfy the following criteria:

a. Nationality – Citizens of Malta;

b. Age – Applicants must not have reached the age of 30 by the 31st December 2018;

c. Medika – ikunu b'saħħithom biex jaqdu dmirijiet skont il-livelli tal-Forza Regolari kif preskritt hawn taħt;

d. Kwalifiki – ikollhom liċenzja biex jipprattikaw il-professjoni medika f'Malta u jkunu f'pożizzjoni tajba mal-Kunsill Mediku ta' Malta.

e. Karattru morali tajjeb –

L-applikanti jagħtu l-kunsens tagħhom lill-Pulizija ta' Malta biex jgħaddu lill-FAM ir-rekord kriminali tagħhom.

L-applikanti għandhom japplikaw fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija u jħallsu l-pagament dovut, sabiex ir-reġistru sħiħ tal-kundanni kriminali (Fedina Penali) jiġi mogħti lill-FAM għal raġunijiet ta' verifika. L-irċevuta, mogħtija mill-pulizija, għandha tiġi inkluża mal-formola tal-applikazzjoni.

Il-verifika tkun skont il-*policies* tal-FAM. L-FAM iżommu d-dritt li jannullaw ir-riżultat ta' kandidat li jkun għadda mill-Proċess ta' Selezzjoni, jekk f'xi ħin jinstab li għandu rekord kriminali li mhux aċċettabbli, jew inkella jkun tkeċċa mill-Forzi Armati, jew minn xi Korp iddixxiplinat ieħor.

3 Il-kandidat magħżul ikun responsabbli lejn il-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta jew ir-rappreżentant tiegħu.

4. Id-dmirijiet ewlenin ta' dan il-post huma kif ġej:

a. Jaħdem bħala tabib fl-FAM;

b. Jevalwa s-saħħa medika tal-membri tal-FAM fir-rigward tal-istandards mediċi approvati mill-FAM;

c. Jipparteċipa f'taħriġ u operazzjonijiet ta' salvataġġ kemm lokalment kif ukoll barra minn Malta, marbuta mal-*units* tal-art, tal-ajru u dawk marittimi;

d. Jagħti struzzjonijiet lill-membri tal-Forza fuq saħħa, iġjene u sanità;

e. Kwalunkwe xogħol ieħor li jista' jiġi assenjat mill-Kmandant u mill-Uffiċjal Mediku Prinċipali.

5. Il-kandidat magħżul jiġi kkummissjonat skont id-dispożizzjonijiet li ġejjin:

a. Il-kandidat magħżul li jissodisfa l-kriterji bażiċi ta' eliġibbiltà jkun ikkummissjonat fil-grad ta' Logutenent (Uffiċjal Mediku) u jitħallas salarju fi skala 7 (€23,430 x €531 = €26,618).

b. Il-kandidat magħżul li għandu minimu ta' tliet snin esperjenza wara r-reġistrazzjoni fil-lista prinċipali tal-Kunsill Mediku ta' Malta jew għandu *post-graduate*

c. Medical – Be certified fit for duty to Regular Force Standards as prescribed below;

d. Qualifications – Must be in possession of a warrant to practice the medical profession in Malta and be in good standing with the Medical Council of Malta.

e. Good moral character –

Applicants shall give their consent to the Malta Police to provide the AFM with their criminal records.

Applicants are to apply at the Police Headquarters and pay the applicable fee so that the complete record of criminal convictions (Fedina Penali) is made available to the AFM for vetting purposes. The receipt, given by the police, is to be included with the application form.

Applicants shall be vetted in accordance with AFM policies. The AFM reserves the right to annul the result of the Selection Process of any successful candidate who at any time is found to have an unacceptable criminal record or has been dismissed from the AFM or any disciplined Force.

3. The selected candidate shall be accountable to the Commander Armed Forces of Malta or to his representative.

4. The main duties of the post are as follows:

a. Perform as a General Practitioner in the AFM;

b. Assess the medical fitness of AFM personnel in relation to the approved AFM medical standards;

c. Participate in Rescue training and operations, both locally and abroad, in conjunction with land, air and maritime units;

d. Instruct military personnel on health, hygiene and sanitation;

e. Any other duties that may be assigned by the Commander and the Principal Medical Officer from time to time.

5. A successful candidate shall be commissioned in accordance with the following provisions:

a. A successful candidate who satisfies the basic eligibility criteria will be commissioned in the rank of Lieutenant (Medical Officer) and be paid a salary in scale 7 (€23,430 x €531 = €26,618).

b. A successful candidate having a minimum of three years' experience post-registration in the principal list of the Medical Council of Malta or in possession of a post-graduate

diploma fi speċjalità medika jew kirurġika jew lesta t-taħriġ bażiku speċjalizzat f'speċjalità medika/kirurġika jkun ikkummissjonat fil-grad ta' Kaptan (Uffiċjal Mediku) u jitħallas salarju fi skala 6 (€ 25,034 x € 596 = €28,612).

6. Il-kandidat magħżul ikun suġġett għal perijodu bi prova ta' sena. Suġġett għal *performance* sodisfaċenti l-persuna appuntata timxi skont l-istruttura approvata fir-rigward tar-*ranks* u l-kundizzjonijiet tal-Forzi Armati ta' Malta.

Il-kandidat magħżul li jkun ikkummissjonat bħala Logutenent (Uffiċjal Mediku) ikun promoss fil-grad ta' Kaptan (Uffiċjal Mediku) wara 3 snin mir-reġistrazzjoni fil-lista prinċipali tal-Kunsill Mediku ta' Malta jew wara li jkun kiseb *post-graduate diploma* fi speċjalità medika jew kirurġika.

Kaptan (Uffiċjal Mediku) jiġi promoss għal Maġġur (Uffiċjal Mediku) skala 5 (€26,769 x €640 = €30,614) wara li jlesti programm ta' taħriġ professjonali kif identifikat mill-Kmandant tal-FAM.

Maġġur (Uffiċjal Mediku) ikun eliġibbli biex ikun ikkunsidrat għall-promozzjoni għal Logutenent-Kurunell (Uffiċjal Mediku) Skala 3 (€37,920) wara sena fil-grad ta' Maġġur. Il-promozzjoni tkun dipendenti fuq id-disponibbiltà ta' vakanza fl-*establishment* approvat tas-Sezzjoni Medika tal-FAM.

7. Kandidati eliġibbli jkunu meħtieġa jattendu għal intervista sabiex jiġu assessjati fl-adegwatezza tagħhom biex jimlew il-post.

Tingħata preferenza lil dawk il-kandidati li għandhom esperjenza fi ħdan istituzzjoni militari tal-Unjoni Ewropea u/jew esperjenza ta' Emergency Medicine.

Il-kandidat magħżul jiġi eżaminat medikament biex jiġi żgurat li hu b'saħħtu għall-impjieg skont l-istandards tal-Forza Regolari.

8. Il-Kwalifiki u l-esperjenza jridu jkunu sostnuti b'ċertifikati u/jew testimonjanzi li kopji tagħhom għandhom ikunu annessi mal-applikazzjoni.

9. Ċertifikati u/jew testimonjanzi oriġinali jridu jiġu ppreżentati għall-verifika waqt l-intervista.

10. Fir-rigward ta' kwalifiki mibgħuta b'rabta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom jippreżentaw ċertifikat ta' rikonoxximent maħruġ jew miċ-Ċentru Malti tal-Informazzjoni dwar il-Kwalifiki (MQRIC) li jifforma parti mill-Kunsill Malti għall-Kwalifiki, jew minn

diploma in a medical or surgical speciality or in possession of a certificate of completion of basic specialist training in a medical/surgical specialty will be commissioned in the rank of Captain (Medical Officer) and be paid a salary in scale 6 (€25,034 x €596 = €28,612).

6. The selected applicant will be subject to a probation period of one year. Subject to satisfactory performance, the appointee will then follow the approved structure, ranks and conditions of the Armed Forces of Malta:

A successful candidate commissioned as Lieutenant (Medical Officer) shall progress to the rank of Captain (Medical Officer) after the completion of 3 years from registration in the principal list of the Medical Council of Malta or after having attained a post-graduate diploma in a medical or surgical speciality.

A Captain (Medical Officer) shall be promoted to Major (Medical Officer) scale 5 (€26,769 x €640 = €30,614) after completion of a professional training program as identified by Commander AFM.

A Major (Medical Officer) shall be eligible to be considered for promotion to Lieutenant-Colonel (Medical Officer) Scale 3 (€37,920) after the completion of 1 year in the rank of Major. Promotion shall be dependent on the availability of a vacancy in the approved establishment of the AFM Medical Section.

7. Eligible candidates shall be required to attend for an interview to assess their suitability to carry out such duties.

Preference shall be given to those candidates with experience in a Military European Union institution and/or with experience in Emergency Medicine.

The selected candidate will then be medically examined to ascertain that he is fit for the post in accordance with Regular Force Standards.

8. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be attached to the application.

9. Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

10. With respect to qualifications produced in response to this call for applications, applicants are required to produce a recognition statement by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) based within the Malta Qualifications Council, or by any other designated

kwalunkwe awtorità oħra mwaqqfa għal dan il-għan. Dan iċ-ċertifikat għandu jinthemeż mal-applikazzjoni u l-oriġinali jiġi ppreżentat waqt l-intervista.

L-applikanti li m'għandhomx dan iċ-ċertifikat jistgħu japplikaw xorta waħda, iżda jridu jippreżentawh waqt l-intervista.

L-applikanti jiġu eżenti mir-rekwiżiti msemmija hawn fuq jekk ikollhom kwalifiki miksuba minn universitajiet akkreditati jew istituzzjonijiet akkreditati oħra.

11. Applikanti prospettivi jistgħu jiġbru l-formoli tal-applikazzjonijiet mill-Uffiċċju tar-Records, Forzi Armati ta' Malta, Luqa Barracks jew billi jitolbu l-formola b'*email* lil (records-recruitment.afm@gov.mt)

12. L-applikazzjonijiet mimlija għandhom jaslu fl-Uffiċċju tar-Records, Forzi Armati ta' Malta, Luqa Barracks, Ħal Luqa, sa nofsinhar tal-31 ta' Mejju, 2018. Mal-formoli tal-applikazzjoni għandhom jintbagħtu:

a. Ritratt tal-passaport bil-kulur;

b. Riċevuta maħruġa mill-Pulizija wara l-applikazzjoni għar-reġistru sħiħ tal-kundanni kriminali (Fedina Penali);

c. Ċertifikati akkademiċi li jinkludu t-transkript uffiċċjali relatati maċ-ċertifikati maħruġ mill-Università;

d. Liċenzja għall-prattika tal-mediċina u ċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni fir-Reġistru Mediku;

e. *Curriculum vitae*;

f. *Service and Leave record form* – GP47 (applikanti mis-Servizz Pubbliku Malti).

13. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

14. Aktar informazzjoni fuq l-FAM tinstab fis-sit elettroniku tal-FAM (www.afm.gov.mt).

15. Il-kandidat magħżul ikun meħtieġ jikseb *National Security Clearance Certificate* fil-livell meħtieġ. Jekk le, ma jkunx aktar eliġibbli biex jintgħażel. Jekk jeħel mill-proċess ta' Security Clearance wara li jkun diġà beda l-perijodu bi prova, jinħall minnufih mis-Servizz.

16. L-applikanti jiġu infurmati b'ittra jekk ġewx magħżula jew le. Id-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla hija waħda finali.

Is-27 ta' April, 2018

authority, as applicable. Such statement should be attached to the application and the original presented at the interview.

Applicants who are not in possession of such a statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement during the interview.

Applicants are exempt from the above requirements in respect of qualifications obtained from accredited universities or other accredited institutions.

11. Prospective applicants can collect application forms from Records Office, Armed Forces of Malta, Luqa Barracks or by requesting form on email (records-recruitment.afm@gov.mt).

12. Duly completed application forms must reach Records Office, Armed Forces of Malta, Luqa Barracks, Ħal Luqa, by noon, on 31st May, 2018 accompanied by:

a. Passport sized photograph in colour;

